**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina,**
**Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Mark (Mark George) Falzon**
**(ID 0168576(M))**

**DISTRETT**

**Illum, 29 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mark (Mark George) Falzon** ta' 38 sena, iben Paul u Maria xebba Grech, imwieled il-Pieta`nhar l-14 ta' Marzu 1976 u residenti fil-fond numru 120, Triq Ġuże` Pace, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0168576(M);

1. Akkużat talli nhar id-19 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tat-15:30 hrs, flimkien ma' persuna jew persuni mhux magħrufa, mill-fond 'Lucida Laundry' li jinsab sitwat ġewwa Triq Abela, Santa Venera kkommetta serq ta' tlett (3) ċilindri tal-gass, liema serq ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-dannu ta' Carmel Galea u/jew persuni oħra, **bi ksur tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Talli f'dawn il-gżejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħ jew imexxihom, **bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, **bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Talli fl-istess data f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi f'dawn il-gżejjer saq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP-164 mingħajr ma' l-vettura kellha liċenzja biex tintuża fit-triq, **bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Talli nhar id-19 ta' Marzu 2014 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, bħala sid il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP-164 naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja ta' ċirkulazzjoni maħruġa minn Transport Malta (liċenzja tal-vettura mhux imġedda) iġedded il-liċenzja tal-imsemmija vettura meta din kienet skadiet, **bi ksur tar-Regolament 14(3) tal-L.S. 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Talli fl-istess data f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi f'dawn il-gżejjer saq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP-164 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni, **bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Robert Vella** jixhed illi nhar id-19 ta' Marzu 2014, għall-ħabta tat-3.30 p.m., il-Pulizija tal-Għassa tal-Ħamrun ġew infurmati mill-*control room* illi kien ċempel ċertu **Carmel Galea** (ID 441761(M)) li qal illi

kien għadu kif osserva xi nies li kienu serqulu xi ċilindri tal-gass minn garaxx bl-isem ta' 'Lucida Laundry' li jinsab ġewwa Triq Abela, Santa Venera. Jixhed ukoll illi Galea kien indika numru ta' reġistrazzjoni ta' vettura JBP 164, illi mir-rekords tal-Pulizija rriżulta illi kienet tgħajjat lil ċertu **Mark Falzon**, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 168576(M) residenti l-Ħamrun. Dak il-ħin intbagħtu Pulizija tal-*Mobile Squad* iduru fl-akkwati, li sabu lil Falzon waħdu viċin ir-residenza tiegħu, iżda ma sabux ċilindri tal-gass fil-vettura tiegħu. Jixhed ukoll illi jidhirlu li waqt tfittxija li saret fuqu, instabet arma bil-ponta.

L-Ispettur Vella jixhed in oltre illi Carmel Galea kien mar ġewwa l-Għassa tal-Pulizija flimkien ma' ibnu **Neil Galea**. Hemmhekk Carmel Galea spjega illi huwa kien jinsab fil-*laundry*, illi fil-*laundry* huwa kellu *sensor* b'tali mod illi meta jidħol xi ħadd dan jixgħel, illi semgħu s-*sensor* jixgħel iżda telgħu u ma raw lil ħadd, illi reġgħu semgħuh ftit tal-ħin wara, ħarġu barra u raw ċilindru tal-gass jaqa' mal-art. Dak il-ħin huma raw persuna maskili, li ma kinux kapaċi jidentifikawh, illi kellu ċ-ċilindru tal-gass ħdejh, kif ukoll illi dan baqa' sejjer fil-vettura ta' Mark Falzon bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164. Iżjed tard, dwar dan, ix-xhud jgħid illi dan iċ-ċilindru tal-gass intelaq f'nofs it-triq minn din il-persuna, u dan baqa' dieħel fil-vettura ta' Falzon. Skont ix-xhud, jekk ma kienx sejjer żball, iċ-ċilindri misruqin kienu tlieta.

L-Ispettur Vella iżid illi Neil Galea kompla jgħid illi huwa prova jersaq viċin il-vettura li kienu fiha Mark Falzon u l-persuna l-oħra, iżda missieru beda jgħidlu biex ma jersaqx lejhom. Huma kkonfrontawh dak il-ħin, iżda dan qalilhom li ma kien ħa xejn u saq minn fuq il-post. Eventwalment ġie arrestat Mark Falzon, li ġie mitkellem ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun wara li ngħata l-jedd li jottjeni parir legali, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx. Da parti tiegħu huwa ċaħad illi kellu x'jaqsam f'dan il-każ. L-Ispettur Vella jixhed ukoll illi peress illi dakinhar huwa kellu xogħol ieħor, kompla bl-investigazzjoni **l-Ispettur Carlos Cordina**. Jixhed ukoll illi eventwalment huwa kien mar fl-uffiċju tal-Ispettur Cordina, fejn reġgħu kellmu lill-imputat, li da parti tiegħu baqa' jinnega xi involviment fil-każ. Jixhed ukoll illi l-istess imputat irrilaxxja stqarrija, li fiha huwa għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu. Ix-xhud esebixxa dikjarazzjoni tal-imputat li permezz tagħha huwa rrifjuta l-jedd għall-parir legali.[1]

**In kontro-eżami** l-Ispettur Vella jixhed illi mill-ħin li fih sar ir-rapport tas-serq sakemm marru l-Pulzija jfittxu lill-imputat, għaddew minuti. Jixhed ukoll illi mill-post fejn sar l-allegat serq sar-residenza tal-imputat ma kienx hemm xi distanza

[1] Ara Dok. RV, a fol. 14 tal-proċess.

twila, iżda xi żewġ kantunieri bogħod. Skont ix-xhud, mandakollu, kien hemm ħin sabiex jiddisponu miċ-ċilindri. Jixhed ukoll illi Galea u ibnu għarfu lill-imputat, kif ukoll il-vettura tiegħu, iżda ma setgħux jidentifikaw lill-persuna l-oħra li kienet miegħu. Jikkonferma li Galea u ibnu fl-ebda ħin ma raw lill-imputat jerfa' ċilindru tal-gass u jqiegħdu fil-vettura, kif lanqas ma raw lill-persuna l-oħra tagħmel dan. Jixhed ukoll illi huma resqu viċin il-vettura u raw lill-imputat fiha, apparti li ħadu n-numru tal-istess vettura.

**In ri-eżami** ix-xhud jixhed illi skont kif qalu s-Sinjuri Galea, ma kienx hemm xi distanza twila bejn il-persuna li kien ma' ġenb iċ-ċilindru u l-vettura.[2]

**L-Ispettur Carlos Cordina** jixhed illi dakinhar stess għall-ħabta tas-7.30 p.m., huwa ħa l-istqarrija tal-imputat u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt illi jottjeni parir legali, matul liema stqarrija l-istess imputat għażel li jibqa' sieket, kif ukoll illi ma jiffirmax l-istess.[3] Ix-xhud esebixxa wkoll *envelope* Dok. CC1, kontenenti *mobile phone* Nokia ta' kulur iswed[4], kif ukoll sikkina, liema *envelope* ġie ffirmat mill-imputat u mill-istess Spettur.

**In kontro-eżami** x-xhud jixhed illi skont il-parti leża, huma fl-ebda ħin ma raw lill-imputat viċin iċ-ċilindru tal-gass, iżda raw lill-peruna l-oħra viċin tiegħu, eżattament wara li semgħu s-*sensor* idoqq għat-tielet darba, u meta semgħu l-ħoss taċ-ċilindru jinstabat mal-art. Dak il-ħin huma raw persuna li telgħet fil-vettura li kienet viċin fejn instab iċ-ċilindru. Wieħed mit-tfal mar ħdejn il-vettura u ra żewġ persuni rekbin fiha. Jixhed ukoll illi huma ma setgħux jipprovdu deskrizzjoni eżatta taż-żewġ persuni għaliex kollox seħħ malajr, imma taw deskrizzjoni tal-persuna li kienet tikkombaċja "*xi ftit*" mal-imputat għax rawh wara l-i*steering wheel* u jsuq il-vettura. Ma ġewx murija ritratti tiegħu, għaliex il-Pulizija mxew fuq in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

**WPS 224 Suzanne Mifsud** tixhed illi fid-19 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tat-3.30 p.m., kienet xogħol ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun fejn ftit wara li l-*control room* u ċertu Carmel Galea infurmawha bl-allegat serq, l-istess Carmel Galea u ibnu marru ġewwa l-għassa fejn għamlu rapport. Tgħid in oltre illi hija kellmet ukoll lil Rose Marie Galea li tat il-verżjoni tagħha dwar l-inċident. Tixhed ukoll illi rriżultalha illi l-vettura kienet reġistrata fuq l-imputat odjern u talbet l-assistenza tar-*Rapid*

---

[2] A fol. 8 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara Dok. CC, a fol. 23 *et seq* tal-proċess. **PS 90 Jeffrey Gerada** jixhed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (a fol. 26 *et seq* tal-proċess).
[4] Il-Qorti tinnota illi f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-ħatra ta' espert sabiex issir analizi tal-*mobile phone*.

*Intervention Unit* sabiex tinstab l-istess vettura. Minn hemmhekk PC 450 u PC 1039 marru fuq il-post fejn seħħ l-allegat serq u l-vettura nstabet ġewwa Triq Ġuże` Pace, Ħamrun, fejn jirrisjedi l-istess imputat. Ix-xhud ippreżentat ir-rapport li hija għamlet dwar il-każ odjern.[5]

**Carmel Galea** jixhed illi nhar id-19 ta' Marzu 2014, huwa għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. Jixhed illi huma għandhom il-'Lucida Laundry' li tinsab 6, Abela Street, Santa Venera, kif ukoll illi hemmhekk għandhom sistema ta' alarm li ndikat li ġara xi ħaġa, ittawwlu, iżda ma raw li kien ġara xejn. Dak il-ħin kienu hu, martu, l-ħaddiema u ibnu. Jixhed illi għall-mument ħasbu li kien daħal xi qattus. Għadda ftit tal-ħin u l-alarm reġa' daqq u reġa' ma ġara xejn. Ittawwlu u ħasbu li kien xi għasfur għax l-alarm tant hu sensittiv li jaqbad kollox. It-tielet darba reġgħu semgħu l-alarm u semgħu wkoll ħoss ta' ċilindru jaħbat ma' pjanċa tal-bieb tal-garaxx. Martu u ibnu telgħu jiġru u warajhom tela' hu u sabu ċilindru bejn il-vann tagħhom u vann ieħor. Jixhed illi kien hemm persuna li telaq jiġri u daħal jiġri ġo vettura Toyota RAV, *metallic*, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164. Iżjed tard madankollu, huwa jgħid illi dan kien diġa` fil-vettura meta rah hu u ra lil ibnu jkellmu. Jgħid illi lil ibnu dan qallu *"xi gralek*?", li ibnu qallu "*issa nghidlek x'gara*" għax huma ndunaw li kienu ħadulhom iċ-ċilindri, iżda hu qal lil ibnu biex jersaq lura, filwaqt illi dawn bdew iħarsu lejhom. Jixhed illi fil-vettura kienu tnejn u illi dak li kien barra, daħal fin-naħa tal-passiġġier. Fil-mument li huwa rah, ix-xufier kien bilqegħda fil-vettura. Ma jidhirlux illi l-vettura kienet mixgħula dak il-ħin. Mistoqsi kemm kienet bogħod il-vettura mill-garaxx tagħhom, huwa jixhed illi quddiem il-garaxx kien hemm il-vannijiet tagħhom, illi hemm garaxx ieħor u illi l-vettura kienet bejn l-ispazju tal-garaxx u iżjed viċin it-triq. Skont ix-xhud, il-vettura kienet għal nofs it-triq, "*qisha biex titlaq*"; bħala distanza kien hemm bejn tlieta u erba' metri mill-garaxx sal-vettura u li ċ-ċilindru li ma laħaqx ittieħed, skont ix-xhud it-tielet wieħed, kien qisu f'nofs din id-distanza. Jixhed ukoll illi huwa ma rax lil din il-persuna titilqu, iżda rawh martu u ibnu għax hu tela' warajhom u illi huwa sema' l-ħoss taċ-ċilindru jaħbat mal-garaxx peress illi dan għandu bieb tal-ħadid. Jixhed ukoll illi lil dawn il-persuni huma rawhom, u identifika lill-imputat bħala x-xufier tal-vettura. Jixhed in oltre illi x'ħin il-vettura misjuqa mill-imputat telqet minn fuq il-post, huma mill-ewwel ċemplu lill-Pulizija. Ma jiftakarx x'kien liebes l-imputat. Jixhed ukoll illi huwa ma resaqx lejn il-vettura u ma rax ċilindri. Meta għadd iċ-ċilindri, huwa sab tnejn nieqsa, apparti dak li kien fit-triq, bejn il-vannijiet. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi kien hu li bagħat l-*email* Dok. JG lill-Pulizija (ara x-xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada iżjed 'l isfel) u dan wara li ċempel il-*customer care* tas-soċjeta` Liquigas.

---

[5] Ara Dok. SM, a fol. 77 *et seq* tal-proċess.

**In kontro-eżami**, ix-xhud jixhed illi s-*sensor* daqq tlett darbiet; darbtejn telgħu u ma raw xejn u mat-tielet darba semgħu l-ħoss taċ-ċilindru jaħbat mal-pjanċa. Jixhed ukoll illi għaddew xi tlieta jew erba' minuti bejn kull darba li daqq is-*sensor*. Jgħid ukoll illi kull darba li semgħu s-*sensor* idoqq telgħu tlett kwarti tat-taraġ u r-rampa iżda ma ħarġux fit-triq, u ma raw xejn, u ħasbu li kien xi qattus. Meta semgħu l-ħoss, ħarġu barra mhux bħad-darbtejn ta' qabel. Bejn il-vann tagħhom u vann ieħor sabu t-tielet ċilindru u l-vettura kienet quddiemhom. It-tielet darba raw persuna ħdejn it-tielet ċilindru, liema persuna ma kinitx l-imputat, li kien fil-vettura fuq in-naħa tax-xufier. Jispeċifika li kienet martu li rat lill-persuna ħdejn iċ-ċilindru, għaliex meta rah hu, dan kien fil-vettura.[6]

**Rosemarie Galea** tixhed illi kienu x-xogħol ġewwa 'Lucida Laundry', 6, Abela Street, Santa Venera u ċioe` illi kien hemm hi, żewġha Carmel u binha Neil u illi dakinhar kienet festa. Tgħid illi x'ħin jidħol xi ħadd, huma għandhom bħal qanpiena ddoqq. Din daqqet darba u ttawlu u ma raw xejn, reġgħet daqqet it-tieni darba wara ftit u t-tielet darba semgħu ħoss ta' ċilindru tal-gass. Hija kienet l-ewwel waħda li telgħet tiġri, u sabet raġel naqra ismar, li x'ħin raha, poġġa ċ-ċilindru tal-gass bejn il-karozza u vann u telaq, u rikeb fil-vettura tal-imputat. Tgħid illi hija lill-imputat ma tafux, iżda marret fuqu, fuq quddiem tal-vettura biex tara min hu u rat li kien qed isuq il-vettura, b'dan ukoll illi identifikatu fl-awla bħala l-imputat odjern. Meta vverifikaw, indunaw li kellhom żewġ ċilindri oħra neqsin. B'kollox naqsulhom tliet ċilindri mill-kbar, li dak iż-żmien kienu jiswew xi tmenin ewro. Insiet x'kienu l-għamla, in-numru u l-kulur tal-vettura għax għadda ż-żmien, iżda dakinhar binha kien ħa n-numru tal-vettura u ċemplu lill-Pulizija.[7]

**Neil Galea** jixhed illi fil-jum in kwistjoni huwa kien qiegħed ix-xogħol ġewwa 'Lucida Laundry', Santa Venera, 6, Abela Street, Santa Venera, proprjeta` tal-ġenituri tiegħu. Kien wara nofsinhar, kienet festa u bdew iħaffu biex jitilqu u l-alarm daqq darbtejn. Kull darba li ommu bdiet tmur tiċċekkja ma bdiet tara lil ħadd. Ħasbu li kienet il-kelba tal-ġara. Wara xi ħames minuti reġa' daqq l-alarm u semgħu ħoss ta' ċilindru jaħbat mal-bieb. Jixhed illi l-bieb huwa tal-ħadid u dan għamel ħoss kbir u ndunaw li xi ħaġa ma kinitx f'postha. Ommu laħqet telgħet qablu u hu tela' jiġri warajha u ra raġel, karozza Toyota, mingħalih RAV 4, u ċilindru tal-gass bejn żewġ vetturi tagħhom stess. Jgħid illi kien hemm raġel ftit il-bogħod mill-vetturi. Jgħid illi huwa ssuspetta ħażin u beda jdur mal-vettura u dan ir-raġel qallu "*x'garalek*?". Dawn telqu. Jgħid illi huwa ra lil dan ir-raġel viċin iċ-ċilindru u illi l-vettura li telaq biha kienet ftit metri l-bogħod miċ-ċilindru li kien hemm barra. Jgħid illi fil-vettura

---

[6] A fol. 31 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol. 118 *et seq* tal-proċess.

kien hemm żewġ persuni, lil wieħed minnhom rah barra mill-vettura u huwa kellmu meta dan kien diġa` daħal fil-vettura fuq in-naħa tal-passiġġier. L-ieħor li kien qed isuq il-vettura kien l-imputat odjern, li x-xhud jgħid li reġa' għarfu x'ħin rah fl-awla. Wara li ċemplu lill-Pulizija, u għaddew kemm kellhom ċilindri, indunaw li kien hemm tlieta neqsin ġewwa, b'wieħed minnhom kien fuq barra. Dawn kienu ċilindri kbar bħal tar-ristoranti. Mistoqsi dwar il-prezz tagħhom, ix-xhud jgħid li ma jafx għaliex il-prezz dak iż-żmien kien jinbidel ta' spiss, iżda kienu għoljin. Jgħid in oltre illi huwa resaq lejn il-vettura, iżda ma rax ċilindri, għalkemm ra ħafna mbarazz fuq wara tal-vettura.

**PC 450 Christopher Bartolo** jixhed illi fil-jum in kwistjoni għall-ħabta tat-3:30 p.m. jew l-3:45 p.m. ġew imsejħa mill-*control room* sabiex jassistu f'każ fejn allegatament seħħ serq ta' xi ċilindri tal-gass minn Abela Street, Santa Venera b'xi vettura tal-għamla Toyota RAV 4, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164 u niżlu fi Triq Abela, fejn bdew iduru fl-akkwati. Stante illi kienu jafu fuq min kienet reġistrata l-vettura, marru viċin ir-residenza tiegħu u x'ħin waslu fi Triq Ġuże` Pace, Ħamrun sabu l-persuna ossia lill-imputat u waqqfuh, staqsewh x'kien qed jagħmel u għarrfuh bir-raġuni għaliex kienu qed ifittxuh. Ix-xhud jgħid illi tawh il-*caution*, saret tfittxija fuq l-imputat u sabulu xi mus żgħir fil-but ta' quddiem tal-*jeans*. Jgħid illi dak il-ħin l-imputat kien waħdu, kif ukoll illi tfittxija fil-vettura u fil-garaxx għal ċilindri tal-gass irriżulat fin-negattiv. Jixhed illi l-arrest seħħ fl-3.45 p.m. u illi kien hemm distanza ta' xi tlett blokok bejn il-post fejn allegatament seħħ is-serq u fejn instab l-imputat. Jixhed ukoll illi l-vettura ma kinitx ilha pparkjata għax il-magna kienet sħuna u illi nduna b'dan għax il-magna bdiet tfaqqa' u kif għaddew minn magħha ħassha. Jgħid illi l-imputat ċaħad mill-ewwel illi kellu x'jaqsam maċ-ċilindri tal-gass jew li kien għadu kif ġej minn hemm u qalilhom illi kien għadu kif wasal, għalkemm ma qalx fejn kien. Meta rawh kien ħdejn il-vettura, ħdejn id-dar tiegħu.[8]

**PC 1039 Martin Mallia** jixhed illi wara li rċevew telefonata mill-*control room* dwar il-każ, peress illi kienu jafu fejn jirrisjedi Mark Falzon, huma marru fi Triq Ġuże` Pace, il-Ħamrun ħdejn ir-residenza tiegħu u sabu l-vettura msemmija pparkjata quddiem garaxx miftuħ. Hemmhekk sabu lil Falzon, ossia l-imputat odjern, barra t-triq, bejn il-karozza u l-garaxx. Tawh is-solita twissija skont il-liġi, u nfurmawh li kienu se jarrestawh. In oltre PC 450 għamillu tfittxija, u fuqu sab mus b'xafra ta' żewġ pulzieri, iżda tfittxija fil-vettura u fil-garaxx irriżultat fin-negattiv għal ċilindri tal-gass. Jixhed ukoll illi mal-*control room* ivverifikaw illi l-vettura la kellha

[8] A fol. 48 *et seq* tal-proċess.

liċenzja u lanqas kienet assikurata u kienet mimlija daqqiet. Jgħid ukoll illi l-karozza kienet ipparkjata kif ġie ġie.[9]

**PS 90 Jeffrey Gerada** jixhed *inter alia* illi huwa rċieva *email*, esebita bħala Dok. JG[10], mingħand il-vittma (ossia skont ix-xhud, Charles ta' 'Lucinda Laundry'), fejn dan indikalu l-valur taċ-ċilindri tal-gass misruqa.

Mill-istess *email* datata 20 ta' Marzu 2014, jirriżulta illi skont Liquigas, il-prezz ta' ċilindru mimli bl-LPG huwa ta' tmenin ewro (€80) u ċioe` erbgħin ewro (€40) in kwantu ċ-ċilindru u erbgħin ewro (€40) in kwantu l-gass kontenut fih.

Jixhed ukoll illi l-għada filgħodu, huwa kien wettaq tfittxija fir-residenza tal-imputat rigward l-oġġetti misruqa, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv.[11]

**Stephen Muscat**, *Chief Financial Controller* tas-soċjeta` Liquigas jixhed illi ċilindru ta' 25 kilogramma f'Marzu 2014 kien jinbiegħ lill-konsumatur bil-prezz ta' erbgħin ewro (€40), b'dan illi fuq ċilindru vojt jitħalla depożitu ta' erbgħin ewro (€40) oħra; b'kollox għalhekk f'dak il-perjodu ċilindru bil-gass kien jiswa tmenin ewro (€80), sakemm wieħed ma jipprovdix ċilindru vojt, fejn allura jħallas erbgħin ewro (€40) bħala prezz tal-gass.

**In kontro-eżami** ix-xhud jixhed illi b'kollox dawn iċ-ċilindri jiżnu ħamsin (50) kilogramma ossia ħamsa u għoxrin (25) kilogramma gass u ħamsa u għoxrin (25) kilogramma metall.[12]

**Stephen Cachia** in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport jixhed illi minn riċerka dwar il-vettura JPB 164 irriżulta illi din hija Toyota RAV 4 ta' kulur *beige* reġistrata fuq Mark George Falzon (ID 168576(M)), illi ilha hekk reġistrata mill-1 ta' Diċembru 2010 u illi l-aħħar liċenzja valida skadiet fil-31 ta' Ottubru 2011.[13]

---

[9] A fol. 54 *et seq* tal-proċess.
[10] Ara a fol. 30 tal-proċess.
[11] A fol. 26 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol. 45 *et seq* tal-proċess.
[13] Ara Dok. SC esebit mix-xhud, a fol. 17 tal-proċess u x-xhieda tiegħu a fol. 15 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' serq sempliċi ossia ta' tlett ċilindri tal-gass mill-fond 'Lucida Laundry', fi Triq Abela, Santa Venera u dan b'referenza għad-19 ta' Marzu 2014.

Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta ppruvat sodisfaċentement mill-fatti riżultanti, illi ċ-ċilindri tal-gass ġew misruqa fil-jum in kwistjoni mill-imputat u mill-persuna li kienet tinsab fil-kumpanija tiegħu, liema persuna baqgħet ma ġietx identifikata. Dan qed jingħad fid-dawl tas-segwenti fatti:

Illi jirriżulta ċar illi fl-istess jum, l-imputat kien fil-post fejn seħħ dan is-serq, flimkien ma' terza persuna, u dan filwaqt illi kien qed isuq vettura Toyota RAV 4, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164, reġistrata fuq ismu. Illi l-imputat kien qed isuq l-istess vettura ġie stabbilit mix-xhieda ta' Carmel Galea, Rosemarie Galea u Neil Galea, li lkoll identifikaw lill-istess imputat bħala s-sewwieq tal-imsemmija vettura. Carmel Galea kien ċar meta identifika lill-istess imputat bħala x-xufier ta' din il-vettura li telqet minn fuq il-post in kwistjoni f'Abela Street, St. Venera, wara li hu, martu u ibnu ħarġu mill-garaxx sabiex jaraw x'kien qed jiġri. L-istess jingħad dwar ix-xhieda ta' Rosemarie Galea illi tixhed illi meta telgħu mill-garaxx biex jaraw x'kien qed jiġri, hija rat persuna tpoġġi ċilindru tal-gass mal-art u tidħol f'vettura, b'dan għalhekk li marret fuq quddiem tal-istess vettura sabiex tara min kien is-sewwieq tal-istess u identifikat proprju lill-imputat bħala x-xufier tagħha. Tenut kont tat-trapass taż-żmien bejn l-inċident in kwistjoni u x-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, hija ma setgħetx tiftakar in-numru, l-għamla jew il-kulur tal-vettura, iżda tgħid illi binha kien ħa n-numru tagħha u għaddewh minnufih lill-Pulizija, kif fil-fatt jirriżulta li ġara. Bl-istess mod, Neil Galea ukoll għaraf lill-imputat odjern bħala s-sewwieq tal-vettura li kienet fuq il-post dakinhar. Lanqas ma hemm dubju mix-xhieda tal-membri tal-familja Galea illi din kienet proprju l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164, li skont ix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, kienet reġistrata proprju fuq l-istess imputat.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-membri tal-familja Galea illi huma semgħu l-alarm tal-garaxx idoqq, liema alarm kien idoqq kull meta jidħol xi ħadd fl-istess garaxx, iżda meta telgħu t-taraġ u r-rampa ma raw xejn. Dan reġa' ġara ftit tal-minuti wara – skont Carmel Galea – xi tlieta jew erba' minuti – iżda għal darb'oħra, meta telgħu, reġgħu ma raw xejn. Skont Neil Galea, kienet ommu li telgħet tiċċekkja. In oltre skont Carmel Galea, fl-ewwel żewġ okkażżjonijiet meta seħħ dan, ma telgħux sa fuq nett, iżda sa tlett kwarti tat-taraġ u r-rampa, b'dan għalhekk illi ma ħarġux fit-triq.

Madankollu, meta reġgħu semgħu l-alarm it-tielet darba u din id-darba semgħu wkoll il-ħoss ta' ċilindru tal-gass jaħbat mal-bieb tal-ħadid tal-garaxx, telgħu lkoll u ħarġu barra sabiex jaraw x'kien qed jiġri. Hawnhekk, Rosemarie Galea, li jirriżulta li kienet l-ewwel waħda li ħarġet barra, rat persuna, li da parti tiegħu x'ħin raha, poġġa ċ-ċilindru tal-gass bejn xi vetturi li kien hemm fuq barra u rikeb fil-vettura misjuqa mill-imputat. Neil Galea, li tela' wara ommu, ra ċ-ċilindru mal-art u lill-persuna li ommu kienet ratu jitlaq iċ-ċilindru, barra mill-vettura li sussegwentement daħal fiha bħala passiġġier, filwaqt illi Carmel Galea, li jirriżulta li kien l-aħħar wieħed li ħareġ mill-garaxx ra l-istess ċilindru fl-art u żewġ persuni fil-vettura, fosthom lill-imputat odjern, bħala sewwieq.

Jirriżulta wkoll illi mill-verifiki li saru mill-familja Galea, naqsulhom żewġ ċilindri tal-gass oltre dak li nstab barra u li tħalla hemm mill-persuna li kienet fil-kumpanija tal-imputat odjern, kif ukoll illi dawn kellhom valur ta' tmenin ewro kull wieħed fiż-żmien tal-każ odjern.

Il-Qorti tqis illi m'hemmx dubju illi ċ-ċilindru misjub barra mill-garaxx minn fejn is-Sinjuri Galea kienu jwettqu xogħolhom ittieħed dak il-ħin stess mill-persuna li kienet fil-kumpanija tal-imputat. Dan qed jingħad kemm mill-fatt illi mat-tielet darba li semgħu l-alarm, huma semgħu wkoll iċ-ċilindru jaħbat mal-bieb tal-istess garaxx, kif ukoll għaliex Rosemarie Galea rat lil din il-persuna tpoġġi fit-triq, iċ-ċilindru li baqa' ma tteħidx. Jirriżulta ċar illi dan iċ-ċilindru tħalla fit-triq proprju għaliex il-ħalliel induna li kien se jinqabad hekk kif ra lil Rosemarie Galea ħierġa mill-garaxx u għalhekk baqa' sejjer lejn il-vettura tal-imputat. Il-Qorti tqis ukoll illi l-membri tal-familja Galea kienu għadhom kif semgħu l-alarm idoqq darbtejn fi ftit minuti, li jispjega kif fil-fatt kienu naqsulhom żewġ ċilindri tal-gass oħra. Il-fatt illi meta semgħu l-alarm idoqq qabel huma, jew tal-inqas Rosemarie Galea (skont ix-xhieda ta' Neil Galea) telgħet biss tlett kwarti tat-taraġ mingħajr ma ħarġet fit-triq (skont ix-xhieda ta' Carmel Galea) jispjega kif sa dak il-ħin, huma ma ndunawx li kienu qed jiġu misruqa. Tqis in oltre illi jirriżulta illi ċ-ċilindri tal-gass misruqa kienu jiżnu 50 kilogramma 'l wieħed, li jispjega wkoll it-trapass ta' minuti bejn id-daqq tal-alarm, kif jixhed Carmel Galea.

Il-fatt illi mbagħad ma nstabux iċ-ċilindri tal-gass fil-pussess tal-imputat ma jxejjinx il-konklużjoni tal-Qorti. Sakemm il-Pulizija ġew infurmati bil-każ, għalkemm jidher li dan seħħ minnufih, ġie stabbilit lil min kienet tgħajjat il-vettura u waslu fuq il-post tar-residenza tal-istess imputat PC 450 Christopher Bartolo u PC 1039 Martin Mallia, il-ħallelin kellhom biżżejjed ħin sabiex jiddisponu miċ-ċilindri misruqa, tant illi l-imputat kien waħdu meta waslu l-Pulizija ħdejn il-vettura tiegħu fi Triq Ġużè Pace, Ħamrun. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija, illi l-

imputat kien għadu kif wasal fuq il-post, u dan mill-osservazzjonijiet li għamlu l-istess żewġ uffiċjali. Il-Qorti tqis in oltre illi l-imputat ċertament illi ma kienx se jieħu ċ-ċilindri misruqa fi proprjeta` li kienet faċilment abbinata miegħu bħar-residenza tiegħu jew il-garaxx li kien jagħmel użu minnu, meta kien evidenti illi l-vittmi kienu rawh, kif raw ukoll il-vettura misjuqa minnu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-<u>ewwel imputazzjoni</u> tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, b'dan ukoll illi tenut kont tal-fatt illi t-tielet ċilindru tħalla fuq il-post, l-imputat qed jinstab ħati tas-serq sempliċi ta' żewġ ċilindri tal-gass.

Illi permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' riċettazzjoni, fit-termini tal-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. La darba l-imputat qed jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni, u ma nġabet l-ebda prova li permezz tagħha l-imputat jista' jinstab ħati ta' dan ir-reat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Illi permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat talli kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta ossia mus, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi jirriżulta mix-xhieda ta' PC 450 Christopher Bartolo u PC 1039 Martin Mallia illi hekk kif huma sabu lill-imputat ġewwa Triq Ġuże` Pace, il-Ħamrun, huma nfurmawh bir-raġuni għaliex kienu qed ifittxuh, tawh is-solita twissija, nfurmawh li kien taħt arrest u qabel ma ħaduh lejn l-għassa, għamlulu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fil-vettura u fil-garaxx, quddiem liema garaxx kienet ipparkjata l-istess vettura.

Minkejja li fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża tissottometti illi din it-tfittxija kienet illegali, ma jirriżulta xejn lill-Qorti minn dan kollu li seta' jirrendi t-tfittxija fuq l-imputat bħala tali. L-arrest tal-imputat kien imsejjes fuq suspett raġjonevoli li huwa wettaq reat ftit tal-ħin qabel, u t-tfittxija fuq il-persuna tiegħu saret fil-ħin tal-arrest u qabel ittieħed lejn l-Għassa tal-Pulizija. Ma jfissirx, kif donnha timplika d-difiża, illi l-imputat ġie arrestat biss meta ttieħed ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, għaliex jirriżulta illi l-arrest sar qabel. Fuq kollox lanqas ma huwa l-każ illi sabiex issir tfittxija fuq persuna huwa għandu l-ewwel jiġi arrestat, għaliex tfittxija tista' ssir dment li jkun hemm suspett raġjonevoli li jiġġustifika dik l-istess tfittxija.

Fil-każ odjern, jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija fuq imsemmija illi fil-pussess tal-imputat ossia fil-but ta' quddiem tal-*jeans* tiegħu, instab mus b'xafra ta' żewġ pulzieri.

**L-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk:

> Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti tinnota illi għalkemm jirriżulta mill-provi prodotti illi l-imputat kien fil-pussess ta' mus, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx prova illi l-istess imputat ma kellux liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija għall-ġarr 'il barra minn xi fond tal-istess, fit-termini tal-artikolu 6 hawn ċitat. Fil-kamp penali l-Qorti ma tista' tassumi xejn u kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Għaldaqstant l-imputat mhuwiex qed jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat talli saq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164 mingħajr liċenzja sabiex l-istess vettura tinstaq fit-triq.

**L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta** jirrendi ħati ta' reat lil kull min:

> "isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, jirriżulta ppruvat illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 164 fil-jum in kwistjoni u dan wara li ġie identifikat mill-membri kollha tal-familja Galea bħala s-sewwieq tal-istess vettura.

Jirriżulta wkoll ippruvat tramite x-xhieda ta' Stephen Catania, in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, illi l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq l-imputat fiż-żmien tal-każ odjern u illi l-aħħar liċenzja valida skadiet fil-31 ta' Ottubru 2011.

Għalhekk ir-raba' imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Illi permezz tal-ħames imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bil-ksur tar-**Regolament 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02**, li jgħid hekk:

> Is-sid jew l-utent reġistrat ta' kull vettura bil-mutur li tkun inħarġitilha liċenza għandu jara li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti dwar is-sospensjoni, l-irtirar jew tħassir ta' liċenza, dik il-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar ir-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jinstab ħati wkoll ta' din l-imputazzjoni, b'dan illi qed tqis ir-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni bħala assorbit fir-reat mertu tar-raba' imputazzjoni.

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat talli fl-istess jum, huwa saq il-vettura in kwistjoni mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni.

**L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk:

> Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

In oltre **l-Artikolu 3(1A) tal-istess Kapitolu** jaqra hekk:

> Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).

M'hemmx dubju illi ai termini tal-aħħar sub-artikolu ċitat, l-oneru tal-prova li l-imputat kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kienet tinkombi fuqu.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Apap**, fejn ingħad hekk:

Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs. **Angelo Scuderi**[14] , **Il-Pulizija vs Stefan Apap**[15] , u **il-Pulizija vs Charles Galea**[16] u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu cjar u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap ghaliex iz-zewg dispozizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jigri fi proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta' ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u cioe' li fi proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkuzat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg fl-artikolu 3(1) imsemmi.

La darba jirriżulta illi l-imputat uża ossia saq il-vettura tiegħu fit-triq fil-jum in kwistjoni, kif ukoll illi l-istess imputat baqa' ma ġab l-ebda prova illi huwa kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Illi finalment l-imputat jinsab akkużat ukoll illi huwa reċidiv fit-termini tal-**Artikolu 289(1) tal-Kodiċi Kriminali** li jipprovdi hekk:

Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

[14] 3 ta' Novembru 2005.
[15] 26 ta' April 2007.
[16] 7 ta' Mejju 2007.

L-Artikolu 284 li jipprovdi dwar is-serq sempliċi, li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, jaqa' proprju fis-Sub-titolu li għalih jirreferi l-Artikolu 289(1) ossia s-Sub-Titolu I tat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali.

Dwar il-prova tar-reċidiva, ingħad hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004:

> "Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva."

Il-Qorti tqis fir-rigward illi fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes' datata 3 ta' Ġunju 2004, mil-liema l-konnotati tal-akkużat Mark George Falzon madankollu ma jirriżultawx. Lanqas ma nġieb xhud da parti tal-Prosekuzzjoni li identifika lill-imputat odjern bħala l-imputat li fil-konfront tiegħu ngħatat din is-sentenza.

In oltre l-Prosekuzzjoni esebiet ukoll vera kopja ta' sentenza oħra fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) vs Mark George Falzon' datata 13 ta' Lulju 2007, mil-liema jirriżulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern. Għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat tal-lum.

Jirriżulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat instab ħati ta' diversi reati ossia reati taħt l-Artikoli 95, 96, 338(dd), 338(ee) u 338(g) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi ma jirriżultax illi l-imputat instab ħati ta' xi reat taħt is-Sub-Titolu I tat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant, ma jirriżultax illi l-imputat huwa reċidiv fit-termini tal-Artikolu 289 tal-istess Kodiċi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali hija waħda pjuttost refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku (f'diversi okkażżjonijiet), reati kontravvenzjonali, pussess ta' droga, serq aggravat u r-reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, dwar liema l-imputat ġie kkundannat għall-pieni pekunjarji (f'diversi okkażżjonijiet), piena ta' priġunerija effettiva (f'żewġ okkażżjonijiet) u ngħata liberazzjoni kundizzjonata.

Tqis in oltre n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Tqis ukoll illi għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2014, il-maġġor parti tad-dewmien f'dawn il-proċeduri kien dovut għall-imputat stess, li ma deherx diversi drabi minkejja li kien debitament notifikat jew deher mingħajr ma kien assistit.

In kwantu r-reat mertu tar-raba' imputazzjoni, il-Qorti qegħda tqis illi permezz tal-Att XIV tas-sena 2017, il-piena għall-istess reat żdiedet minn multa ta' mhux iżjed minn mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għal dik ta' multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn ewro (€1,200), kif ukoll minn priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sena, b'dan għalhekk illi l-Qorti sejra tapplika l-piena viġenti fiż-żmien tal-każ odjern.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern), l-Artikoli 3(1), 3(1A) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, qed issib lill-imputat **Mark (Mark George) Falzon** mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u qed tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-ewwel, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' xahrejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sena mil-lum, u għall-piena ta' multa ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-ħati qed jiġi swalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar mid-data ta’ din is-sentenza.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas lill-parti leża s-somma ta’ mija u sittin ewro (€160), rappreżentanti l-valur ta’ żewġ ċilindri tal-gass fiż-żmien tal-każ odjern u dan fiż-żmien sitt (6) xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati, bi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem sempliċi r-responsabilita` tiegħu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva tagħha magħmula ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**